# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24  t'April tas-sena 2001.**

**Numru   36**

**Avviz  numru 2405/98/SM**

**Angela u Henry konjugi Gauci Borda**

**vs**

**Nazzareno sive Reno Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Dicembru ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi konjugi Gauci Borda sejhu lill-konvenut fuq indikat sabiex jighd ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti bhala l-valur ta' oggetti propjeta' tal-aturri konsistenti f' "fitted carpets" u "electricity points" li hu ha mill-fond "Pharaon", 45, F, Tanks Street, B'Bugia, liema fond gie mikri lilu mill-istess attrici;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 2590/98 pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mill-lum kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoi;**

**Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tal-oggetti fuq imsemmija ma jeccedix l-erba' mitt Lira (LM400);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attrici, stante li l-istess talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;**

2. **Illi l-ammont rikjest ghal danni inkorsi f'proprjeta' tal-attrici huma infondati u referibilment ghal tapit esistenti fil-fond mikri lill-intimat ghandu jinghad li fuq inkarigu dirett tal-attrici, l-intimat kien gie dirett jarmi l-imsemmi tapit peress li kien f'kundizzjoni hazina ferm. Sahansitra meta l-intimat staqsiha sabeix ttih permess inehhih u fejn xtaqithu jpoggihulha hija dderigitu biex jarmih. Dan fuq sottomess huwa a konjizzjoni diretta tal-intimat u dan kif jista jigi dikjarat bil-gurament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semeght ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-atturi kienu krew il-fond "Pharaon", 45 F Tanks Street, Birzebbugia, lill-konvenut;**

2. **Illi l-fond de quo inkera meta kien fornit bi kcina u "fitted carpets", flimkien ma bozoz u "switches" ta' l-elettriku;**

3. **Illi l-konvenut kien dam jokkupa l-fond de quo ghall-perijodu ta' madwar sena u nofs;**

4. **Illi meta l-konvenut gie biex jittermina l-lokazzjoni kien mar personalment il-lukanda ta' l-atturi fejn halla ic-cwievet ta' l-istess fond mar-"receptionist" tal-lukanda;**

5. **Illi meta finalment l-attrici marret fil-fond de quo sabet illi dan kien thalla fi stat hazin hafna mill-konvenut, sabet it-twapet tal-kamra tal-pranzu u tas-sala neqsin, l-elettriku mqaccat u l-"holders", il-"plugs" u l-"wires" imqacctin;**

6. **Illi d-danni hekk ikkagunati lill-atturi jammontaw ghall-tlett mija u disghin Lira Maltin komplessivament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm dan kollu gie ribattut mill-konvenut pero' din il-qorti m'hiex konvinta mix-xhieda minnhu migjuba;**

**Ghaldaqstant tilqa' t-taliet attrici, u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett mija u disghin Lira Maltin (Lm. 390.00.0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Nazzareno sive Reno Vella biex ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**